MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1012/1993/2

**Salvatore Falzon**

**vs**

**Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri f'isimhom proprju u ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta' I.S.M Agricultural Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-23 ta' Lulju, 1993, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur flimkien mal-konvenuti *proprio* huma azzjonisti tas-socjeta' *I.S.M. Agricultural Limited*.

*Ad insaputa* tal-attur il-konvenuti dehru bhala diretturi ghan-nom tas-socjeta' *I.S.M. Agricultural Limited* fuq

kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Victor Bisazza fil-25 ta' Mejju, 1993 li permezz tieghu bieghu l-uniku proprjeta tal-kumpanija.

Ir-rikavat minn dan il-bejgh, ossia parti sostanzjali minnu, gie approprijat mill-konvenuti Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri u flok mar fil-fondi tal-kumpanija abbuzivament u illegalment gie mehud minnhom personalment.

L-attur, bhala azzjonista tas-socjeta' *I.S.M. Agricultural Limited* ghandu interess guridiku illi l-konvenuti Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri jirrifondu l-flus kollha minnhom approprjati u dan *stante* illi l-attur apparti li hu azzjonista huwa wkoll kreditur tal-imsemmija socjeta' u ghalhekk ghandu dritt iressaq l-*actio debitoris mei.*

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri frawdolentement approprjaw ruhhom bla jedd mill-fondi tas-socjeta' *I.S.M Agricultural Limited* kif fuq imsemmi.

2. Tillikwida l-ammont hekk approprjat.

*3.* Tikkundanna lill-konvenuti Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri jirrifondu l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' *I.S.M Agricultural Limited*.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' impediment ta' partenza tat-12 ta' Lulju, 1993 kontra l-konvenuti *proprio et nomine* ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha eccepew illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-azzjoni tal-attur kif minnu imposta ma tezistix fil-ligi.

2. Sabiex jistitwixxi l-*“actio debitor debitoris mei”* l-attur jrid jipprova illi huwa l-kreditur tad-debitur tieghu, f’dan il-kaz is-socjeta’ *ISM Agricultural Limited*, illi dan id-debitur ghandu d-debituri tieghu u li sabiex jista’ jithallas il-kreditu tieghu l-azzjoni kontra d-debituri tad-debitur tieghu hija necessarja. Jigi sottomess (u spjegat ahjar fl-anness dikjarazzjoni) illi l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma tezisti fatwalment u li *inoltre* l-azzjoni odjerna ma tikkwalifikax legalment bhala *actio debitor debitoris mai* billi l-Qorti ma gietx mitluba tistabilixxi l-ezistenza u il-konsistenza tal-kreditu tieghu u l-htiega tal-azzjoni tieghu sabiex jottjeni l-hlas.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Dicembru, 1994, li *in forza* tieghu gie mahtur l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mismugha mill-perit legali;

Rat ir-rapport tal-perit legali minnu ippresentat fl-14 ta’ Settembru, 2005, u mahluf fl-udjenza tat-22 ta’ Novembru, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat ix-xhieda mismugha fil-kawza fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 662/91, li ghaliha l-partijiet ghamlu referenza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi u Mohammed Hazzouri kienu l-unici azjonisti fil-kumpanija *I.S.M. Agricultural Ltd* li kienet giet registrata fl-4 ta' Marzu, 1988. Jidher li din il-kumpanija, bhala assi, kellha biss ghalqa fil-limiti ta' Haz-Zebbug, kuntrada ta' Bordin. Wara li nqalghu diversi problemi bejn l-azjonisti, il-konvenuti, b'kuntratt ppubblikat min Nutar Dottor Victor John Bisazza fil-25 ta' Mejju, 1993, bieghu din l-art lill-terzi bil-prezz ta' Lm30,000. L-attur jghid li dan it-trasferiment sar *ad insaputa* tieghu u qed jallega li r-rikovat gie approprijat u mizmum mill-konvenuti personalment, u ma gewx depozitati fil-kont tas-socjeta' proprjetarja tal-art. L-attur, bhala azjonist minoritarju, qed iressaq din l-eccezzjoni u jitlob li r-rikavat jitpogga fil-kont tas-socjeta' *I.S.M Agricultural Ltd*.

Il-konvenuti jsostnu, fl-ewwel lok, li l-attur m'ghandux dritt ghall-azjoni minnu intentata. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Fil-kawza "Stagno Navarra vs Burke", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-kummerc fid-29 ta' Lulju, 1988, intqal li azzjonista ghandu interess jaghmel kawza ghad-danni kontra azzjonista *"for a wrong done by the shareholder to the company"*, avvolja l-allegat hsara giet kagjonata lill-kumpanija u mhux lill-azzjonist attur direttament. Il-kawza, kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti, saret tajjeb kontra l-azzjonista personalment u kontra l-kumpanija, avvolja kundanna giet mitluba kontra l-azzjonista personalment; mhux bil-fors li kull parti f'kawza tkun diretta kontrih talba – il-presenza tista' tkun xorta essenzjali ghall-ekonomija u integrita' tal-gudizzju. Fi kliem iehor, qalet il-Qorti, *shareholder* ghandu azjoni personali kontra *shareholder* ghad-danni li dan tal-ahhar ikkagguna lill-kumpanija.

Dan id-dritt ta' azjoni a favur azzjonista minoritarju, gie accettat wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-kawza "Zammit Tabona et vs Grech noe et", deciza fit-23 ta' April, 1980, fejn gie osservat li azzjonisti minoritarji f'kumpanija ghandhom dritt personali li jagixxu anke

kontra l-kumpanija meta qed jallegaw *"fraud on the minority"*.

Fil-kaz deciz wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Novembru, 1989, fil-kawza "Diamantino vs Pace Bonello et', intqal:

*"Illi d-decizjoni fil-kawza "Foss vs Harbottle" tiffavorixxi bla ebda dubju lill-maggoranza. Izda dan ma jfissirx li l-maggoranza tal-membri tista' taghmel li trid impunement. Infatti kif ikompli jghallem il-Gower (p.644), "it is well established that in certain circumstances an individual shareholder or a group of shareholders can institute proceedings as plaintiffs, instead of those proceedings having to be instituted in the name of the company.*

*Illi maz-zmien gew stabbiliti certi cirkustanzi meta "a suit by a shareholder instead of by the company is allowed". Dawn huma – (vide Gower p. 644/645):*

*1) when it is complained that the company is acting or proposing to act ultra vires;*

*2) when the act complained of, though not ultra vires the company, could be effective only if resolved upon by more than a simple majority vote, ie. where a special or extraordinary resolution is required and (it is alleged) has not been validly passed;*

*3) where it is alleged that the personal rights of the plaintiff shareholder have been infringed or are about to be infringed, at any rate if the wrong to the plaintiff could not be rectified by an ordinary resolution of the company;*

*4) where those who control the company are perpetrating fraud on the minority;*

*5) any other case where the interests of justice required that the general rule, requiring suit by the company, should be disregarded"*

Il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza precitata abbracjat l-insenjament tal-Gower u Talbot f'dan ir-rigward u d-dikjarat: *"Illi mill-premess mela jitnissel li minkejja r-regola stabbilita fil-kawza 'Foss vs Harbottle' azzjonist individwali jista' jistitwixxi azzjoni quddiem il-Qorti jekk l-irregolarita' minnu allegata ma tistax tigi sanata b'rizoluzzjoni ordinarja"*.

Dawn il-principji gew, dan l-ahhar segwiti, minn din il-Qorti fil-kawza "Calleja vs Calleja", deciza fit-8 ta' Lulju, 2004.

L-attur, f'din il-kawza, huwa azzjonist minoritarju u qed jallega li l-konvenuti agixxew bi frodi, kemm bi hsara tal-jeddijiet tal-kumpanija, kif ukoll, bi pregjudizzju tad-drittijiet tieghu bhala azzjonista. *Kwindi,* l-azzjoni attrici tista' titkompla kif maghmula.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, l-Qorti tirrileva li l-azzjoni tal-attur hija intiza biss biex ir-rikavat mill-bejgh tal-ghalqa jigi depozitat fil-kont tal-kumpanija proprjetarja. L-attur ressaq kawza ohra biex jipprova l-kreditu tieghu, u din l-azzjoni mhix, proprjament, l-*actio debitor debitoris mei*, izda kawza biex jigi ridress agir allegatament ta' hsara ghas-socjeta' li fiha l-attur ghandu interess bhala azzjonista. *Kwindi* din l-eccezzjoni qed tigi michuda peress li mhux misthoqqa.

Dwar il-meritu, il-konvenuti ma jidhirx li ressqu eccezzjonijiet fir-rigward. L-attur, kif inghad, qed jallega li l-konvenuti approprjaw ghalihom personalment il-rikavat jew parti minnu tal-bejgh tal-ghalqa f'Haz-Zebbug. Il-konvenuti jallegaw li huma uzaw il-fondi sabiex ihallsu d-djun tal-kumpanija. Huma esebew diversi dokumenti sabiex jispjegaw x'gara mit-Lm30,000.

Il-perit legali ezamina d-dokumenti ppresentati mill-konvenuti u esprima l-opinjoni li hafna mis-suppost ricevuti ma jaghtux kredibilita' tal-allegat debitu. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-istess dokumenti, taqbel mal-perit legali li l-konvenuti ma irnexxielhomx juru dak li allegaw, u *cioe'*, li r-rikavat intuza biex jithallsu l-kredituri tal-kumpanija. Hekk per ezempju, il-konvenuti jghidu li sar

hlas ta' Lm9,072 lill-certu Bassem Hazzouri *"as part of the chicken farm"*; izda, ma giex muri x'kien dan in-negozju u lanqas ma gew esebiti l-accounts tal-kumpanija *in sostenn* ta' dan is-suppost kreditu. Is-suppost ircevuta ta' dan il-hlas hija biss kopja ta' *fax* allegatament iffirmata minn dan Bassem Hassouri, izda din il-persuna ma tresqietx biex tikkonferma bil-gurament li irceviet dak il-hlas. Saru wkoll hlasijiet ta' Lm4,536 lil Zuhir Hazzouri u lil konvenut innifsu bhala refusjoni ta' avvanzi minnhom maghmula lis-socjeta' konvenuti; *pero'*, ma saret ebda prova ta' dawn l-avvanzi. Kien mistenni li l-konvenuti juru b'mod car u preciz mhux biss lil min taw il-flus, izda l-ezistenza tal-kreditu pretiz saldat, haga li huma m'ghamlux. IL-konvenuti kellhom il-kontroll tal-kumpanija u setghu, kieku riedu, resqu dokumenti u provi kredibbli dwar l-iskop tal-hlasijiet li jghidu li ghamlu. Il-hlasijiet li allegatament saru lill-konvenut u lil Bassem Hazzouri u lil Zuhir Hazzouri huma, partikolarment, suspettuzi u zgur mhux pruvati, lanqas fuq bazi ta' bilanc ta' probabilita'.

Hu veru li l-attur jaqbel li dawn it-tlett persuni hargu flus biex il-kumpanija ikollha biex tahdem, izda jkompli jghid li sa fejn jaf hu, dawn thallsu mill-kumpanija. Hu veru wkoll li l-prova tal-pagament trid issir minn min jallega, izda qabel dan trid issir prova cara u inekwivoka tal-ezistenza tal-kreditu u tal-ammont dovut. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza <u>"Taliana vs Vassallo"</u>, deciza fit-3 ta' Novembru, 2004,

*"Qua kreditrici, l-attrici hi fid-dmir li tipprova li jezisti debitu, li dan id-debitu ghadu dovut, u li d-debitrici taghha baqghet inadempjenti fil-hlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbaghad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-principju ghandu l-fondament tieghu fuq il-bazi li kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Kif deciz, "fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe', l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante reus absolvitur" – "Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri", Qorti Civili,*

*Prim'Awla, per Imh. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju, 1970"*.

F'dan il-kaz, il-Qorti mhux sodisfatta dwar l-esigibilita' tal-kreditu, allegatament saldat mill-konvenuti. L-ahjar prova kienet tkun l-esibizzjoni tal-*audited accounts* tal-kumpanija, jew dokument iehor li juri l-hrug ta' flus mit-tlett persuni indikati, izda l-konvenuti ma ressqu xejn *in sostenn* tal-allegat kreditu. Il-Qorti, ghalhekk, taqbel mal-perit legali li dawn il-hlasijiet, jekk saru, saru b'mod abusiv u bi hsara ghall-jeddijiet tal-kumpanija.

Din il-Qorti zzid li lanqas l-allegat pagament ta' Lm500 lid-ditta ta' awdituri Gatt, Galea & Co ma gie ppruvat sodisfacement. Il-konvenuti esebew *invoice* mahruga mid-ditta tal-awdituri ghal din is-somma, *pero'*, la giet ipprezentata ricevuta u lanqas ma tressaq rapprezentant tad-ditta tal-awdituri biex jikkonferma l-hlas. L-*invoice* suppost tirreferi ghal *"audit and accounting services rendered for the period since 4 March 1988 (date of incorporation) to 31 Dicember 1994"*, izda lanqas kopji ta' dawn l-*accounts* ma gew prodotti. *Kwindi* l-Qorti mhux sodisfatta li verament sar dan il-hlas, u dan l-ammont, bhal l-ammonti l-ohra aktar qabel imsemmija, ghandu jitqieghed mill-konvenuti fil-kont tas-socjeta' *I.S.M Agricultural Ltd.* La darba l-konvenuti ircevew ir-rikavat mill-bejgh tal-ghalqa, dawk l-ammonti li mhumiex *accounted for* ghandhom jitpoggew fil-kont tas-socjeta' konvenuta.

L-istess jista' jinghad dwar il-hlas li allegatament sar lill-konvenut ta' Lm1,060 bhala arretrati ta' paga. Imkien mix-xhieda prodotta ma jirrizulta din il-*"paga"* ghalxiex tirreferi. Jekk verament kienet paga, allura suppost li l-istess konvenut kellu jkun fil-pussess tad-dokument li jiccertifika dan il-hlas, izda la dan ma gie esebit, u lanqas ic-*cheque* li bih allegatament sar il-hlas. Il-konvenut lanqas ma esebixxa l-*income tax return* tieghu biex juri li ircieva dan il-hlas u li kien intitolat ghall-paga, u, lanqas ma gew esebiti l-*accounts* tal-kumpanija li zgur kienu juru hlasijiet ta' paga li jkunu saru. Ghalhekk, lanqas din l-allegazzjoni ma giet sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attur kif dedotti, u ghall-fini tat-tieni u t-tielet talba tikkundanna lill-konvenuti Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri sabiex jirrifondu s-somma ta’ Lm19,704 (dsatax il-elf, seba’ mija u erba’ liri Maltin) lis-socjeta’ *I.S.M. Agricultural Limited*, bl-imghax legali mill-25 ta’ Mejju, 1993, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------